**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Antonella Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 166/16**

**Illum, it-tlieta (3) ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Antonella Vella** detentrici tal-karta tal-identità b'numru 405784M u akkuzata talli f'xi hin nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2016:

1. **Gewwa garaxx bla numru fi Triq il-Kbira, Mosta, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti fosthom kaxxa tal-ghodda, rota ta' ditta Fat Boy, karozza tal-loghob tal-*battery* tat-tfal ghad-dannu ta'**

Liam Pace u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-mezz tal-261 (b) (c), 265, 267, 279 (a) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u/jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta' garaxx liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal-Art. 325 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Gewwa garaxx bin-numru 22 fi Triq Walter L. Salomone, Mosta, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-HiFi, kaxxi mimlija DVD's, gaga tal-ghasafaru xi oggetti ohra ghad-dannu ta' Elton Zarb u Kenneth Cocks u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jiskorri l-ammont ta' €2,329.37 u bil-mezz tal-261(b) (c), 265, 267 279 (b) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u/jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieb ta' garaxx liema hsara ma tiskorrix il-mitejn

u hamsin ewro (€250) bi ksur tal-Art. 325 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ukoll talli wara li kienet ikkundannata f' Malta ghal serq jew ghal-ricettazzjoni, instabet fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni taghha, minghajr ma tat kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghadha u wkoll talli nstabu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma tat kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghadha u dan ghat-tenut tal-Art 287 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qorti;

7. kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju 2014 u dan taht depozitu ta' €1,000 u

**garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;**

**8. kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr C. Peralta LL.D fit-22 ta' Lulju 2015 u dan taht garanzija personali ta' €2,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qorti;**

Il-Qorti giet mitluba titratta ma Antonella Vella bhala recidivista ta' sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedina penali tal-imputata;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Frar tas-sena 2017 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioè:

1. Fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2) u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 278(1)(2), 279(b), 280(2) u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat id-digriet taghha moghti fid-dsatax (19) ta' April tas-sena 2021 fejn laqghet it-talba tal-imputata sabiex tisma' l-procedura odjerna bhala Qorti dwar id-Droga u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-osservazzjonijiet tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Semghet ix-xhieda kollha;

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Saviour Baldacchino** li pprezenta certifikat tat-twelid tal-imputata, il-fedina penali, zewg (2) dikjarazzjonijiet u stqarrijiet tal-istess imputata, kundizzjoni ta'

rilaxx tal-Pulizija, u zewg (2) rapporti tal-incident. Ipprezenta wkoll zewg (2) karti li huma fotografiji ta' karozza tal-ghamla Volkswagen bin-numru AAP-348 li fiha hemm oggetti fuq wara. Jghid li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 2016 fil-hdax ta' filghodu kienu qeghdin jaghmlu ronda PC 450 u PC 899 meta nnotaw vettura tal-ghamla Volkswagen Golf ta' lewn blu u bin-numru ta' registrazzjoni AAP-348 fl-inhawi tal-Qronfla bejn in-Naxxar u l-Mosta. Jghid li dawn innutaw li s-sewwieq ta' din il-vettura kien certu Stephen Borg fil-kumpanija tal-imputata Antonella Vella. Izid jghid li dawn il-kuntistabbli marru fl-inhawi fejn kien jghix Stephen Borg u cioè gewwa Birkirkara. Jghid li kien hemm prezenti din l-istess vettura.

Ikompli jghid li l-kuntistabbli dakinhar innutaw lill-imputata fil-vicinanzi u ghalhekk avvicinawha sabiex jinvestigaw il-kontenut tal-karozza. Jispjega li fil-karozza nstabu hafna affarijiet fosthom karozza tat-tfal iz-zghar, oggetti tal-HiFi u kaxex tal-ghodod. Jghid ukoll li l-imputata ma kinitx kapaci tispjega kif dawn l-oggetti spiccaw fil-karozza. Jixhed li ghalhekk spiccat arrestata u pprosegwu biex jiehdu ritratti tal-vettura. Jghid li hu nduna li dawn l-affarijiet setghu gew minn serqa u ghalhekk ikkuntattja l-Ghassa

tal-Mosta sabiex jivverifika jekk dahlux rapporti ta' serq. Jghid li fil-fatt l-ewwel rapport dahal fit-tlieta ta' wara nofsinhar minn certu Kenneth Cocks. Izid jghid li ghall-habta tas-sebgha u nofs dahal rapport minn certu Liam Pace. Jghid ukoll li dawn iz-zewg (2) persuni ddeskrivew oggetti li kienu neqsin u li fil-fatt qablu ma' dawk l-oggetti li nstabu.

Jixhed li mill-investigazzjoni li saret setghu jaraw li l-allegat serq sar bi sgass stante li l-katnazzi tal-garaxxijiet kienu mkissrin. Jghid ukoll li jgharaf il-firem tal-imputata, ta' PC 294, ta' PC 643 kif ukoll tieghu stess fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali esebit a fol. 15 tal-atti processwali. Jghid li l-imputata kienet giet mitkellma darbtejn (2) u li fl-ewwel stqarrija kienet semmiet lil Stephen Borg li kien prezenti maghha meta fit-tieni stqarrija li ghamlet ikkontradixxiet dak li qalet u ddikjarat li dan Stephen Borg fil-fatt ma kienx prezenti maghha.

Xehed il-parte civile **Elton Zarb** li jghid li hu kellu xi affarijiet li kien qieghed izomm b'mod temporanju gewwa l-garaxx ta' missier il-mara tieghu u cioè Kenneth Cocks. Jghid li missieru kien kellmu fis-sittax (16) ta' Marzu u qallu li kien hemm xi affarijiet minn

tieghu neqsin. Izid jghid li tali garaxx jinsab gewwa l-Mosta. Jixhed li l-affarijiet li jidhru esebiti tramite d-dokument immarkat Dok. SB3 huma kollha tieghu. Jghid li fost l-oggetti li jidhru f'dan id-dokument hemm par speakers, zewg (2) amplifiers, mini-discs, audio compressor, backup CD's kif ukoll kaxxi li fihom kien izomm backup ta' CD's. Jghid li dawn kollha kien juzahom ghal xoghol tieghu u dan sabiex jirrekordja l-muzika.

Izid jghid li l-affarijiet kienu gol-garaxx tal-kunjatu temporanjament stante li kien qieghed ilesti recording studio xi mkien iehor. Jixhed li l-valur tal-oggetti li allegatament gew misruqa jammonta ghal madwar elf u tmien mitt ewro (€1,800). Jghid ukoll li meta kien mar jaghmel ir-rapport tieghu hu kien qal li tali valur jammonta ghal hamest elef ewro (€5,000) izda hass li kellu jnaqqas dan l-ammont stante li wara kien mar lura d-dar u vverifika l-oggetti li kellu u dawk li kienu gew allegatament misruqa.

Xehed ukoll **Kenneth Cocks** li jghid li fil-hmistax (15) ta' Marzu hu kien gewwa l-garaxx sabiex jipprepara l-vann tieghu ghax-xoghol. Jghid li fis-sitta u nofs ta' filghaxija hu nehha xi siggijiet

minn gol-vann u sakkar il-garaxx b'katnazz. Jghid li l-ghada wara x-xoghol (cioè fis-sittax (16) ta' Marzu) sab li l-katnazz kien tnehha u s-serratura kienet imkissra. Jghid li certu affarijiet li jappartjenu lil Elton Zarb kienu neqsin minn gol-garaxx. Jghid li filwaqt li hafna mill-affarijiet li nsterqu kienu jappartjenu lil Elton hu kellu gagga ta' ghasfur Tunizin li giet misruqa. Jghid li tali gagga kienet tiswa bejn mija u hamsin Sterlina (£150) u mitejn Sterlina (£200). Jghid ukoll li meta gie msejjah gewwa l-Ghassa tal-Pulizija hu sab dawn l-oggetti hemmhekk u ghalhekk dawn l-oggetti regghu ngabru.

Xehed **Liam Pace** li jghid li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 2016 hu rritorna mix-xoghol u sab il-katnazz tal-garaxx tieghu gewwa Main Street, il-Mosta maqtugh. Jghid li kien hemm numru ta' affarijiet neqsin minn go dan il-garaxx fosthom rota, karozza ta' ibnu li tahdem bil-batterija, toolbox, extension tal-elettriku u affarijiet ohra. Jghid li dawn l-oggetti jaghrafhom fid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. SB3. Jghid però li r-rota ma tinsabx gewwa dan id-dokument. Izid jghid li r-rota hija tal-ghamla Focus Fat Boy b'valur ta' madwar tmien mitt ewro (€800). Jghid li hu gabar

l-oggetti misruqin minn gewwa d-Depot ghajr ghar-rota. Izid jghid li ma jaghrafx lill-imputata.

Xehed **PC 450 Christopher Bartolo** li jghid li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 2016 ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu kien qieghed jaghmel ronda gewwa l-Mosta u n-Naxxar. Jghid li kif dar wara l-Mosta Technopark ra karozza tal-ghamla Volkswagen b'lewn blu u bin-numru AAP-348 li kienet niezla bil-kontra tieghu. Jghid li x-xufier kien persuna li nzerta kien maghruf mal-Pulizija filwaqt li l-persuna l-ohra kienet l-imputata Antonella Vella. Jghid li x-xufier kien certu Stephen Borg u li kellu kawzi passati relatati mas-serq. Jixhed li dakinhar il-vettura dehret mimlija b'hafna oggetti fosthom anke gagga tal-ghasafar. Izid jghid li mill-informazzjoni li kellu acceda gewwa Triq Guzè Borg, Birkirkara fejn hemmhekk sabu u kellmu lill-imputata. Jghid ukoll li hemmhekk instabet il-karozza b'hafna affarijiet go fiha. Jghid li l-imputata qaltlu li Stephen Borg ma kienx hemmhekk u telaq filwaqt li hu seta' jara li fil-vettura kien hemm DVD player, driller u scooter tat-tfal.

Xehed **PC 399 Jean Paul Vella** li jghid li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 2016 ghall-ghaxra u nofs ta' filghodu nzerta l-vettura tal-ghamla Volkswagen ta' lewn blu bin-numru AAP-348 kienet qieghda tinstaq minn certu Stephen Borg filwaqt li l-passiggier kienet l-imputata. Jghid ukoll li mill-informazzjoni li kellu acceda gewwa t-Triq Guzè Borg, Birkirkara sabiex isib tali vettura. Jghid li hemmhekk din il-vettura instabet b'oggetti go fiha bhal perezempju scooter, kaxxi tal-aluminium, driller, u ghodda ohra. Jghid ukoll li ftit wara cempel l-Ispettur u minn hemm ha l-kaz hu.

Xehed **Stephen Cachia** li jghid li mir-ricerka li wettaq irrizultalu li l-vettura tal-ghamla Volkswagen ta' kulur blu bin-numru AAP-348 tappartjeni lil certu Sultan Dabous. Jghid ukoll li tali vettura ilha registrata fuq din il-persuna mid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena 2012. Izid jghid li l-ahhar licenzja valida li kien hemm fuq din il-vettura skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena 2013 u li sal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena 2016 kien hemm citazzjonijiet li jammontaw ghal elfejn, hames mija u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,560.92).

Xehed **PS 1586 Ronnie Attard** li jghid li hu qieghed stazzjonat gewwa l-ghassa tal-Qawra izda fis-sittax (16) ta' Marzu hu kien qieghed stazzjonat gewwa l-ghassa tal-Mosta meta gie informat permezz ta' telefonata li sid ta' garaxx (u cioè Kenneth Cocks) sab l-istess garaxx sgassat u xi affarijiet neqsin. Jghid li hu acceda fuq il-post u kellem lil Kenneth Cocks u ghalhekk hejja rapport li jinsab a fol. 25 tal-atti processwali. Jghid li fl-istess gurnata ghat-tmienja neqsin ghaxra mar certu Lia Pace gewwa l-ghassa tal-Mosta li xtaq jaghmel rapport li kien sab garaxx tieghu sgassat b'affarijiet neqsin. Jghid li hu mar fuq il-post u hejja rapport li jinsab a fol. 20 tal-atti processwali.

Xehed **l-Ispettur Maurice Curmi** li jghid li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 2016 kien dahal rapport li kien hemmm sgass ta' garaxx u nstabu xi affarijiet neqsin fosthom, kaxxi tal-ghodda. Jghid li fuq dan ir-rapport kien sar xoghol tal-pulizija. Jghid ukoll li ma kinitx saret inkjesta stante li l-valur ma kienx jeccedi certu ammont. Jghid ukoll li dakinhar kien dahal rapport iehor dwar garaxx iehor fejn kien sgassat u minnu wkoll insterqu xi affarijiet. Jixhed li tali garaxxijiet huma sitwati fi Triq Waler L. Salamone, Mosta.

Xehed **l-Ispettur James Grech** li jghid li d-dokument esebit a fol. 83 tal-atti processwali huma kundizzjonijiet ta' helsien temporanju tal-imputata Antonella Vella. Jghid li tali kundizzjonijiet inghataw mill-Magistrat Dr Anthony Vella fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena 2014 u li ghadhom in vigore sal-lum. Jixhed ukoll li d-dokument esebit a fol. 84 tal-atti processwali huma kundizzjonijiet ta' helsien temporanju tal-imputat Antonella Vella. Izid jghid li tali kundizzjonijiet inhargu mill-Magistrat Dr Carol Peralta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena 2015 u li ghadhom in vigore sal-lum.

Xehed **l-Ispettur Fabian Fleri** li jghid li d-dokument esebit a fol. 82 tal-atti processwali huma kundizzjonijiet ta' helsien temporanju tal-imputata Antonella Vella. Jghid li tali kundizzjonijiet inghataw mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena 2013 u li ghadhom in vigore sal-lum.

Xehed **PS 186 Kristan Mintoff** li pprezenta rapport li sar bhala xoghol tal-pulizija flimkien ma' sbatax (17)-il ritratt bil-kulur u li dawn jittrattaw dwar serqa li kienet allegatament sehhet gewwa garaxx numru 22, Triq Walter Salamone, il-Mosta. Jghid ukoll li

kien acceda fuq il-post fejn sehh l-allegat reat flimkien ma' PC 959 mid-Dipartiment tieghu tas-SOCO. Jghid li l-involviment tieghu kien sabiex jigbed xi ritratti tat-taqlib li kien hemm gewwa garaxx u tal-isgass fuq il-bieb tal-istess garaxx.

Xehdet **Amanda Grech** inrapprezentanza tal-Caritas li tghid li rigward l-imputata Antonella Vella ma hemmx rekord fis-sistema taghhom. Izzid tghid li l-imputata qaltilha li hi kellha appuntamenti ma' certu Riona li però ma ghadhiex tahdem mal-Caritas. Tghid li jekk l-imputata kellha appuntamenti dawn kienu jitnizzlu fis-sistema. Tghid li ma tistax tikkonferma b'mod definittiv jekk l-imputata kellhiex laqghat gewwa l-Caritas.

Xehdet **Petra Scicluna** li tahdem bhala Psikologista Forensika gewwa l-Facilità Korrettiva. Tghid li ilha taf lill-imputata minn Dicembru tas-sena 2019 stante li rreferiet ruhha ghall-ghajnuna psikologika minn jeddha. Izzid tghid li l-imputata ilha tattendi l-appuntamenti maghha minn dakinhar sa issa. Tixhed ukoll li l-attendenza taghha hija wahda regolari filwaqt li dejjem ippartecipat b'mod rispettuz. Tixhed li l-imputata wriet livell tajjeb ta' hegga u rieda biex tindirizza l-problemi taghha relatati mad-droga. Izzid

tghid li t-tipi ta' drogi li l-imputata kienet qieghda tikkombatti huma smack, eroina u kokaina bil-labra.

Tkompli tixhed li l-appuntamenti kienu ntizi sabiex jindirizzaw il-problema tad-droga tal-imputata. Tghid li l-imputata applikat biex tibda l-programm l-ghada li dahlet gewwa l-habs u li qieghda taghmel hilitha sabiex tindirizza l-problema tad-droga. Izzid tghid li maghdud ma' dawn qieghdin jigu indirizzati l-problemi relatati ma' trawmi fil-passat taghha. Tishaq ukoll li l-imputata qieghda kontinwament turi attitudni pozittiva gewwa l-Facilità Korrettiva. Tghid li hi kontinwament tfittex li tippartecipa f'attivitajiet li jigu organizzati bhal perezempju lezzjonijiet edukattivi, tharrig sportiv u anke lezzjonijiet tal-arti. Izzid tghid li l-imputata qieghda tikkollabora maghha kif ukoll ma' professjonisti ohra gewwa l-Facilità Korrettiva sabiex ittejjeb il-kwalità ta' hajjitha u dan billi tkompli tattendi t-terapija kif ukoll l-iskola.

Xehed **Dr Joseph Tonna** li jahdem mad-Detox gewwa l-Isptar ta' San Luqa u dan mis-sena 1995. Jghid li l-imputata giet ghandu l-ewwel darba fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena 2013. Jghid li hi kellha problema ta' eroina u kokaina u hu baqa' jsegwiha

b'mod regolari sal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2018. Jixhed li l-imputata ghamlet zmien fuq il-methadone stante l-abbuz fuq l-eroina. Ikompli jixhed li uzat il-labra u l-kokaina (fil-forma ta' crack sabiex tpejjipha) diversi drabi. Jixhed ukoll li kien hemm zmien li l-imputata waqfet tattendi certu appuntamenti ghar-raguni li kienet il-habs. Izid jghid li l-imputata kienet taghmel uzu regolari tas-sustanza tal-eroina.

Xehdet ukoll **Stefania Calafato Testa** li kkonfermat li l-kawza odjerna hija l-unika kawza li ghadha pendenti fil-konfront tal-imputata.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr*

*dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-*

*cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li s-serqa kkommettiha l-imputata odjerna u dan ghaliex jirrizulta diversi inkonsistenzi fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni li fil-fatt ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi*

*jistgħu ragjonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' ragjonevolment jasal għall-konkluzjoni tiegħu ta' ħtija in bazi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## <u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi mill-provi prodotti johorgu numru ta' nuqqasijiet li l-prosekuzzjoni ghandha sabiex tkun tista' tipprova favorevolment il-kaz taghha. Dan stante l-fatt li qieghed jitressaq l-akkuza tas-serq aggravat bl-ammont. Il-Qorti tinnota li ma setghetx tahtar l-esperti taghha sabiex twettaq valutazzjoni indipendenti u oggettiva fuq uhud mill-oggetti misruqa.

Illi di piu` l-Qorti l-anqas ma ghandha quddiemha stima f'idejha. L-unika haga li hemm fl-atti processwali hija xhieda bil-gurament minn Elton Zarb, Liam Pace u Kenneth Cocks li però ma joffrux certezza dwar il-valur tal-oggetti misruqa.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-aggravju allegat ma jistax iregi stante li l-valur allegat mill-parte civile ma giex pruvat lil hinn minn kull ombra tad-dubju.

Illi aggravju iehor li ressqet il-prosekuzzjoni flimkien ma' dak tal-ammont hu dak ta' serq kwalifikat bil-mezz. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*

*(a) meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata."*

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova li kienet l-imputata li wettqet l-isgass fuq il-garaxx fejn sehh l-allegat reat. Ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib htija ghall-allegat reat ta' serq aggravt bil-mezz.

Illi però din il-Qorti xorta tqis li hemm l-elementi rikjesti sabiex ssib htija fuq ir-reat ta' serq semplici u dan billi jigi applikat il-kuncett ta' *il piu ` comprende il meno*.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi fl-istqarrija taghha datata sbatax (17) ta' Marzu tas-sena 2016, l-imputata tammetti li hadet diversi oggetti mill-garaxx gewwa l-Mosta flimkien ma' certu Stephen Borg. Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha, hija rrinunzjat ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:

*"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma*

*hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'listqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi di piu', din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputata (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti anke mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputata odjerna nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha izda li hi rrinunzjat ghal tali dritt (Fol. 15 tal-atti processwali).

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt

tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea f'**Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim*

*and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).”*

Illi f’dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet <u>**Farrugia vs. Malta**</u> (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-Grand Chamber f’Beuze. Fil-kaz <u>**Farrugia v. Malta**</u>, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-overall fairness.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

*“‘While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal*

*proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb' ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta** (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

*"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate*

*the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi ghalhekk jidher car illi f'dan il-kaz, jekk wiehed kellu jhares lejn il-fedina penali tal-imputata, johrog bic-car li hija kienet ben midhla tas-sitema gudizzjarja u investigattiva. Illi jidher mill-istess fedina penali li giet ipprezentata mill-Ufficjal Prosekutur illi l-imputata kienet giet akkuzata u misjuba hatja f'diversi okkazjonijiet matul is-snin fuq kazijiet ta' serq bl-istess *modus operandi* tal-proceduri odjerni.

Illi di piu' hija kienet inghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha izda hi rrifjutat dan id-dritt. Irrizulta wkoll illi l-imputata fl-istadju tal-istqarrija ammettiet li ghenet lil certu Stephen Borg fis-serqa. Illi l-imputata nghatat kull opportunità li tressaq id-difiza taghha bl-akbar mod possibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-overall fairness rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova.

## IKKUNSIDRAT

Illi a rigward il-hames (5) akkuza d-definizzjoni legali ta' dan ir-reat tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 287 li jghid hekk:

*"Kull min, wara li jkun gie ikkundannat f' Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' oggetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu; inkella jinsabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur"*

Illi stante l-fatt li l-Qorti ser issib htija fil-konfront tal-imputata a rigward ir-reat ta' serq semplici, din il-Qorti ser issib htija fuq din l-imputazzjoni.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva jinghad illi gewipprezentati diversi sentenzi mill-Prosekuzzjoni. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 49(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*"Dokument ghandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin tapplika:*

*(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imhallef, magistrat jew ufficjal tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza; jew*

*(b) jekk jidher li hu ccertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità ohra responsabbli ghall-gustizzja jew ghall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza, sew jekk ikun b'sigill u sew jekk le; jew*

***(c) jekk jidher li hu awtentikat b'gurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.***[1] *"*

Illi referenza qieghda ssir ukoll ghax-xhieda moghtija minn Stefania Calafato Testa fis-seduta datata hamsa (5) ta' Frar tas-sena 2024 fejn hi qalet hekk:

[1] Emfazi tal-Qorti

*"Xhud:* *Nahlef Sinjura. Mela Sinjura gejn kkomunikati bil-verbal tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena l-ohra biex niddikjaraw jekk is-Sinjura Antonella Vella, I.D. Card 405784M ghandiex proceduri pendenti fil-konfront taghha. Sinjura wara li ghamilna ricerka quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll Qorti Superjuri mir-ricerka rrizulta li din l-unika kawza odjerna li ghadha pendenti."*

Illi minkejja din l-affermazzjoni da parti tax-xhud, sabiex l-addebita tar-redicivizmu jista' jregi l-ligi titlob l-awtentikazzjoni ta' dokument. Il-Qorti tinnota li din ma saritx u ghalhekk hija kostretta li tqis li l-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova dan l-aggravju.

Illi l-istess jista' jinghad a rigward is-sitt, is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi kif dedotti kontriha, u cioè reati li jirrelataw mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Hawnhekk jidher bic-car li l-Prosekuzzjoni naqset milli tikkonferma ufficjalment li l-

kundizzjonijiet ghadhom *in vigore* u dan billi jigi kkonfermat minn Ufficjali tal-Qrati stess.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha datat dsatax (19) ta' April tas-sena 2021 fejn intlaqghet it-talba tad-difiza sabiex tikkonverti ruhha bhala Qorti tad-Droga. Ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Bord tar-Rijabilitazzjoni tramite n-nota a fol. 192 tal-atti processwali kif ukoll dak indikat fin-nota a fol. 194 tal-atti processwali.

Illi z-zewg (2) noti jindikaw li l-imputata ghamlet minn kollox sabiex tkompli tahdem fuqha nnifisha filwaqt li tipprocedi bl-istudji edukattivi. Huwa mertu ta' dan l-isforz da parti tal-imputata li l-istess Bord wasal biex iqis il-kaz taghha bhala wiehed "*maghluq b'success*"[2]

Illi oltre minn hekk il-Qorti rat ix-xhieda ta' Petra Scicluna a fol. 166 et sequitur tal-atti processwali li toffri serhan il-mohh lil din il-Qorti li l-imputata verament qieghda taghmel minn kollox

[2] Fol 192 u Fol 194 tal-atti processwali

sabiex tirriforma ruhha. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-piena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 284, 285 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata **Antonella Vella** hatja biss tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi (inkwantu serq semplici) filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-bqija tal-akkuzi kif dedotti kontriha stante nuqqas ta' provi.

Tpoggi lill-imputata **Antonella Vella** taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Finalment il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'ghandux jittiehed inkonsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' certifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl

tad-dettami tas-Subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

-------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**